



Direttorat tal-persunal u
tal-finanzi

Il-Lussemburgu, Frar 2007

Rapport dwar l-impatt tal-ħolqien tat- Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni għas-sena finanzjarja 2007, speċifikament fis-Sezzjoni IV - Qorti tal-Ġustizzja, il-Parlament Ewropew talab lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreżenta rapport dwar l-impatt tal-ħolqien tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku f'termini ta' l-ispiża għall-proprjetà immobbli, persunal u spejjeż oħra. Sakemm jiġi ppreżentat dan ir-rapport, fondi b'ammont totali ta' EUR 2 500 000 tqiegħdu bħala riżerva fil-Kapitolu 100, bil-għan li jkopru bżonnijiet eventwali marbuta mal-ħlas dovut fir-rigward tal-*lease purchase* tal-bini okkupat mill-Qorti tal-Ġustizzja (EUR 1 500 000) u ma' l-apparat ta' l-informatika u t-tagħmir ta' l-uffiċċji (EUR 1 000 000).

Dan huwa s-suġġett tar-rapport preżenti.

1. Preżentazzjoni tat-Tribunal

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea nholq permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/752/KE, Euratom, tat-2 ta' Novembru 2004 (ĠU L 333, p. 7), bħala l-ewwel waħda mill-"awli ġurisdizzjonali", kif previsti mill-Artikolu 225A tat-Trattat KE, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mit-Trattat ta' Nizza.

L-ewwel seba' Mħallfin tat-Tribunal, magħżula minn Bord ta' l-Għażla fis-sajf ta' l-2005, ħadu l-ġurament tal-kariga tagħhom fil-5 ta' Ottubru 2005. L-ewwel ħaġa li għamli kienet li fformaw l-uffiċċji tagħhom, komposti, kull wieħed minnhom, minn *référéndaire* u minn assistent. Wara dan, huma eleġġew ir-Reġistratur tat-Tribunal. Huwa ħa l-ġurament tal-kariga tiegħu fit-30 ta' Novembru 2005. Il-proċedura ta' reklutaġġ tal-persunal tar-Reġistru nbdiat mir-Reġistratur f'Diċembru ta' l-2005. Avvizi ta' post vakanti ġew ippubblikati għall-10 postijiet allokatu mill-awtorità baġitarja (amministratur, 5 assistenti u 4 segretarji). Dawn il-postijiet setgħu jimtlew matul ix-xhur ta' Jannar/Frar 2006. Sussegwentament, it-Tribunal ikkompleta l-organigramma tiegħu permezz tar-reklutaġġ, matul ir-rebbiegħa ta' l-2006, ta' qarrej tas-sentenzi u ta' korrettriċi, assenjati lill-uffiċċju tal-President. Kien f'dan il-

mument li mtlew il-postijiet allokatu mill-awtorità baġitarja għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

It-Tribunal beda l-attivitajiet ġudizzjarji tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2005, id-data tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja li biha kkonstatat li t-Tribunal kien ikkostitwit b'mod regolari (ĠU L 325, p. 1). Wara din id-deċiżjoni, 117-il kawża, bi kwistjonijiet relatati mas-servizz pubbliku Ewropew, li kienu diġà nbdew u li l-proċedura bil-miktub tagħhom kienet għadha ma tlestietx, ġew ittrasferiti lil mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Ma' dawn il-kawżi żdiedu 13-il kawża oħra ġdida li tressqu quddiem it-Tribunal stess bejn it-12 ta' Diċembru u l-aħħar tas-sena 2005, sabiex b'hekk in-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2005 tela' għal 130.

Is-sena 2006 kienet l-ewwel sena ta' attività ġudizzjarja fil-veru sens tal-kelma għat-Tribunal il-ġdid. It-Tribunal jiltaqa' f'seduta plenarja jew f'awla bi tliet imħallfin. Atwalment jeżistu tliet awli b'kompożizzjoni differenti. L-ewwel seduta tat-Tribunal inżammet fit-28 ta' Marzu 2006 u l-ewwel sentenza nġatat fis-26 ta' April 2006.

2. Attivitajiet

Matul is-sena 2006, 147 kawża ġodda tressqu quddiem it-Tribunal u kawża oħra ġiet ittrasferita lil mill-Qorti tal-Prim'Istanza. In-numru ta' 148 kawża mressqa fl-2006 jaqbel mal-previżjonijiet li wieħed seta' jagħmel fid-dawl tal-medja ta' kawżi relatati mas-servizz pubbliku Ewropew imressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza matul l-aħħar snin (111 fl-2000, 110 fl-2001, 112 fl-2002, 124 fl-2003, 146 fl-2004, 151 sal-15 ta' Diċembru 2005). In-numru għoli ta' kawżi fl-2004 u fl-2005 kien dovut għad-dħul fis-seħħ, f'Mejju 2004, tar-Regolamenti tal-Persunal ġodda li ħolqu numru ta' kwistjonijiet ta' prinċipju li kien jeħtieġ li jiġu deċiżi, iżda wkoll għaż-żieda fin-numru ta' uffiċjali u ta' impjegati ta' l-istituzzjonijiet ikkawżata mit-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004. Barra minn hekk, fid-dawl tat-tkabbir il-ġdid fl-2007, huwa raġonevoli li wieħed jistenna li dan in-numru ta' madwar 150 kawża mressqa kull sena jkompli fis-snin li ġejjin.

Matul is-sena 2006, 53 kawża setgħu jingħalqu mit-Tribunal, 21 minnhom permezz ta' sentenzi u 32 permezz ta' mekkaniżmi ta' għeluq oħra. Madwar 5% tal-kawżi magħluqa nstemgħu mis-seduta plenarja filwaqt li l-kawżi l-oħra ġew deċiżi mid-diversi awli jew, f'xi każijiet, mill-President tat-Tribunal stess li ddeċieda dwar proċedura sommarja (żewġ kawżi) u dwar għajnuna legali (tliet kawżi). Apparti mill-għoti ta' sentenza, id-digrieti ta' inammissibbiltà kienu l-aktar komuni, b'mod nett, bħala mekkaniżmu ta' għeluq ta' kawża. Kien hemm ukoll numru ta' digrieti sabiex il-kawża titħassar mir-Reġistru wara li nstabat soluzzjoni bi ftehim għall-kwistjoni bejn il-partijiet; dan skond l-istedina tal-Kunsill, li tinsab fid-Deċiżjoni dwar il-ħolqien tat-Tribunal kif ukoll fl-Anness ta' din id-deċiżjoni li ħoloq l-Anness I ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li t-Tribunal jiffaċilita soluzzjoni bonarja tal-kwistjonijiet f'kull stadju tal-proċedura.

In-numru tal-kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2006 jammonta għal 225 kawża.

Fir-rigward ta' l-ewwel sena ta' attività ġudizzjarja, in-numru ta' kawżi magħluqa, naturalment, għadu ma jirrappreżentax il-kapaċità annwali tat-Tribunal li jagħlaq kawżi fil-futur. Fil-fatt, matul dan il-perijodu, it-Tribunal kellu jiddedika parti sostanzjali mill-attività tiegħu sabiex jelafora r-Regoli tal-Proċedura tiegħu. Ix-xogħol fuq il-kitba ta' dan it-test, li nbeda fl-2005 u li kompli matul is-sena 2006 kollha, tlesta f'Diċembru bl-approvazzjoni ta' l-abbozz mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex qabel l-aħħar tas-sena l-20 verżjoni lingwistiċi setgħu jintbagħtu lill-Kunsill sabiex jinbeda l-proċess leġislattiv.

B'mod aktar ġenerali, is-sena 2006 kienet għat-Tribunal sena ta' inizjazzjoni li matulha l-Membri u l-persunal tiegħu kellhom jistabbilixxu u jorganizzaw il-proċessi ta' ħidma interni kollha kif ukoll il-dettalji dwar il-ġestjoni tax-xogħol ta' kuljum, xogħol li rrikjeda investiment kunsiderevoli f'termini ta' allokazżjoni ta' riżorsi umani.

M'hemmx għalfejn jingħad li l-uffiċċji ddedikaw il-parti l-kbira ta' l-isforzi tagħhom sabiex jelaforaw id-deċiżjonijiet ġudizzjarji kif ukoll ir-Regoli tal-Proċedura. Ir-Reġistru, min-naħa tiegħu, assigura, min-naħa (A), l-iżvolġiment mingħajr problemi tal-proċedura fil-kawżi u, min-naħa l-oħra (B), it-twettiq ta' l-inkarigi amministrattivi/informatiċi indispensabbli għall-eżekuzzjoni ta' l-attività ġudizzjarja fil-veru sens tal-kelma.

Fost l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-kategorija (A) jinsabu:

- il-ġestjoni ta' l-inkartamenti tal-kawżi mressqa quddiem it-Tribunal: korrispondenza bil-miktub u orali mar-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawża, jekk ikun il-każ ma' persuni terzi; preparazzjoni ta' l-inkartamenti għall-Membri tal-kulleġġ ġudikanti; organizzazzjoni tat-traduzzjonijiet meħtieġa; ipproċessar tat-talbiet proċedurali tal-partijiet; notifika tad-digriet u tas-sentenzi tat-Tribunal lill-partijiet;
- l-organizzazzjoni ta', u l-partiċipazzjoni fil-laqgħat amministrattivi, tal-kulleġġ ġudikanti (bħala regola ġenerali, tliet laqgħat kull ġimgħa); il-preparazzjoni tal-proċessi verbali; l-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura deċiżi matul dawn il-laqgħat;
- l-organizzazzjoni ta', u l-partiċipazzjoni fis-seduti, għas-sottomissjonijiet orali u fil-laqgħat informali mal-partijiet fil-kuntest ta' tentattiv sabiex tinstab soluzzjoni bonarja tal-kwistjoni; il-preparazzjoni tal-proċessi verbali; l-organizzazzjoni ta', u l-partiċipazzjoni fis-seduti fejn jingħataw is-sentenzi;
- il-preparazzjoni tal-pubblikazzjonijiet fil-Ġurnal Uffiċjali dwar il-kawżi mressqa u l-kawżi magħluqa;
- l-arkivjar ta' l-inkartamenti u tal-verżjoni oriġinali tal-ġurisprudenza.

Iċ-ċifri ta' dawn l-attivitajiet jistgħu jiġu indikati bil-mod segwenti:

<u>In-numru ta' attivitajiet fl-2006</u>	
Reġistrazzjoni ta' dokumenti proċedurali fir-Reġistru	6108
Ġestjoni ta' l-inkartamenti li waslu sa l-aħħar tas-sena 2005	130
Reġistrazzjoni u ġestjoni ta' l-inkartamenti tal-kawża mressqa fl-2006	148
Organizzazzjoni u parteċipazzjoni fis-seduti għas-sottomissjonijiet orali u fil-laqgħat informali mal-partijiet	56
Notifiki ta' sentenzi u ta' digriet (digriet proċedurali u digriet li jagħlqu l-proċedura)	171
Preparazzjoni ta' komunikazzjonijiet lill-ĠU (kawżi mressqa u kawżi magħluqa)	196

Fost l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-kategorija (B) jinsabu:

- it-tqegħid ta' data fil-bażi ta' data komuni għall-Istituzzjoni kollha (ipproċessar tad-data kollha relatata mal-proċedura, *scanning* tad-dokumenti proċedurali eċċ.); preparazzjoni/tqassim ta' l-għodod tax-xogħol interni (listi amministrattivi, kalendarji, manwali, statistiċi interni, eċċ.);
- il-parteċipazzjoni fil-laqgħat mad-dipartimenti amministrattivi u tekniċi differenti ta' l-Istituzzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-metodi ta' ħidma komuni, il-bidliet fl-applikazzjonijiet eżistenti kif ukoll l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġodda;
- il-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza tat-Tribunal, tqassim tat-test tal-ġurisprudenza internament għall-Istituzzjoni u esternament, aġġornar tas-sit internet, eċċ.

3. Użu tar-riżorsi umani mqiegħda għad-dispożizzjoni tat-Tribunal

Kif diġà ġie indikat, kull wieħed mill-uffiċċji tas-7 Membri tat-Tribunal huwa kompost minn *référéndaire* u minn assistent kif ukoll, fir-rigward ta' l-uffiċċju tal-President, minn qarrej tas-sentenzi u korrettriċi. Ir-Reġistru, min-naħa tiegħu, huwa kompost minn Reġistratur u 10 kollaboraturi (amministratur li jirrappreżenta lir-Reġistratur, 5 assistenti u 4 segretarji).

L-evalwazzjoni ta' l-użu tar-riżorsi umani mqiegħda għad-dispożizzjoni tat-Tribunal għandha tieħu in kunsiderazzjoni, fl-ewwel lok, il-fatt li, kif ġie mfakkar aktar 'il fuq, l-installazzjoni ta' din il-qorti l-ġdida talbet *inter alia*, min-naħa, l-elaborazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura u, min-naħa l-oħra, id-definizzjoni tal-proċessi interni ta' ġestjoni u l-ħolqien/adattament ta' l-għodod tax-xogħol. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li, għalkemm mingħajr dubju ta' xejn it-Tribunal seta' jibbenefika mill-esperjenzi amministrattivi u mill-għodod tax-xogħol eżistenti fl-Istituzzjoni in

ġenerali, kien meħtieġ adattament għall-eżiġenzi partikolari tal-qorti l-għdida fir-rigward ta' diversi punti u ġew introdotti wkoll ċerti innovazzjonijiet.

Fil-fatt, l-applikazzjonijiet informatiċi eżistenti fi ħdan l-Istituzzjoni, li ilhom għal ħafna żmien jaqdu l-bżonnijiet tas-sitwazzjonijiet kumplessi ħafna tad-diversi rimedji quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim'Istanza, mhux dejjem huma perfettament adatti għad-daqs żgħir u għall-bżonnijiet speċifiċi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku b'tali mod li ntabu numru ta' applikazzjonijiet ġodda li wħud minnhom jinsabu fil-fażi ta' prova.

Fit-tieni lok, wiegħed għandu jżomm f'moħħu li, għalkemm il-parti l-kbira ta' l-elaborazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura diġà tlestiet, it-Tribunal għadu jiddedika parti mir-riżorsi tiegħu għar-riflessjoni dwar it-testi li jirregolaw il-proċedura, l-istruzzjonijiet lir-Registatur u l-istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet qabel dawn jiġu stabbiliti matul is-sena 2007. Barra minn hekk, fir-rigward b'mod aktar dirett tar-Reġistru, għandu jiġi mfakkar li, minbarra l-elaborazzjoni u l-perfezzjonament ta' mudelli ta' ittri f'diversi lingwi għal ċerti sitwazzjonijiet proċedurali standard, kien u għadu meħtieġ ukoll li l-persunal jingħata taħriġ dwar kif għandu jwieġeb b'mod responsabbli għal sitwazzjonijiet proċedurali li ma jkunux standard. Saru sforzi kunsiderevoli sabiex it-Tribunal seta' jagħmel parti mill-proġett ta' l-informatika magħruf bħala "Prodoc" – mniedi mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja u adottat ukoll mill-Qorti tal-Prim'Istanza – intiż sabiex tkun possibbli l-produzzjoni multilingwi awtomatizzata ta' ittri li għandhom jintbagħtu lill-partijiet matul il-proċedura. Fil-preżent, ċerti ittri huma diġà prodotti permezz ta' din l-applikazzjoni. Madankollu, qabel ma din l-applikazzjoni tippermetti li l-ittri standard kollha jiġu ġġenerati awtomatikament, fadal diversi żviluppi li għad iridu jsiru u dan jirrikjedi sforz kunsiderevoli min-naħa ta' ċerti kollaboraturi tar-Reġistru.

Fit-tielet lok, għandhom jissemmew xi punti speċifiċi li affettwaw il-volum ta' xogħol tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-ewwel perijodu ta' attività tiegħu li fir-rigward tagħhom għadu mhuwiex possibbli li jingħad jekk humiex ser jippersistu fil-futur jew le:

- safejn il-litigazzjoni marbuta mas-servizz pubbliku hija, min-natura tal-kwistjonijiet involuti, aktar personalizzata minn, per eżempju, ir-rinviji preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kulleġġi ġudikanti talbu lir-Reġistru sabiex isegwi numru kbir ħafna ta' miżuri istruttorji u/jew miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura (per eżempju, talbiet għal risposti bil-miktub mingħand il-partijiet jew mingħand persuni terzi għal mistoqsijiet tat-Tribunal, talbiet għal produzzjoni ta' dokumenti, dehra presonali tal-partijiet jew ta' persuni terzi, talbiet partikolari u skambji ta' proposti fil-kuntest ta' soluzzjoni bi ftehim, eċ.);
- f'54 kawża, il-preżenza ta' parti intervenjenti (ta' spiss il-Kunsill f'kawża mressqa kontra l-Kummissjoni u *vice versa*) taqqlat il-proċedura. Dan in-numru partikolarment għoli jidher li huwa marbut ma' l-introduzzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda u jista' jkun li dan in-numru ma jkomplix fil-futur;
- it-tentattivi li tinstab soluzzjoni bonarja għall-kwistjonijiet imwettqa mit-Tribunal b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(4) ta' l-Anness I ta' l-Istatut tal-Qorti

tal-Ġustizzja, jitolbu investiment kunsiderevoli min-naħa tal-persunal ta' l-uffiċċji kkonċernati u tar-Reġistru.

4. Spejjeż marbuta mat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

4.1 Spejjeż marbuta ma' proprjetà immobbli

Kif ġiet indikat f'anness mar-Rapport dwar it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku indirizzat liż-żewġ fergħat ta' l-awtorità baġitarja fit-22 ta' Ġunju 2005 fid-dawl tal-ħolqien tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, l-amministrazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fittxet, mill-aħħar tas-sena 2004, għand istituzzjonijiet oħra, u b'mod aktar partikolarment mingħand il-Parlament, bini disponibbli sabiex jilqa' t-Tribunal. Madankollu, din is-sejħa għall-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ma kinitx biżżejjed sabiex jinstabu soluzzjonijiet aċċettabbli.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha, mill-bidu tas-sena 2005, iddur lejn is-suq tal-proprjetà immobbli u bdiet l-ewwel passi sabiex tikri bini. Fir-riċerka għal bini adegwat, kriterju importanti kien li dan il-bini kellu jkun viċin tal-bini prinċipali ta' l-Istituzzjoni. Dan il-kriterju kien ikkunsidrat minħabba raġunijiet marbuta mas-servizz sabiex il-Membri u l-persunal ta' din il-qorti l-ġdida jkunu jistgħu jattendu fl-awli, iwettqu riċerki ġuridiċi fil-biblijoteka u sabiex ikollhom kuntatti faċli mad-dipartimenti l-oħra ta' l-Istituzzjoni.

Fl-aħħar inkera bini li jinsab fuq il-*plateau* ta' Kirchberg, magħruf bħala Allegro.

Il-kuntratt ta' kera ġie ffirmat fl-14 ta' Lulju 2005. Id-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu kienet stabbilita bħala l-1 ta' Jannar 2006.

Ix-xogħlijiet interni li kienu meħtieġa, b'mod partikolari sabiex tkun tista' tiġi installata awla, inbdew fl-1 ta' Settembru u kienu ppjanati fuq perijodu ta' tliet xhur.

Il-bini tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Diċembru 2005.

Matul perijodu tranżitorju, jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 2005 (id-data ta' meta beda jiffunzjona t-Tribunal) sa l-20 ta' Diċembru 2005, l-uffiċċji tal-Membri u d-dipartiment tar-Reġistru tat-Tribunal ġew akkomodati provviżorjament fil-bini T-T/Bis, li jospitaw lid-Direttorat tat-Traduzzjoni.

4.2 Spejjeż marbuta ma' persunal

Minbarra l-fondi intiżi għar-remunerazzjoni ta' l-Imħallfin u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, huwa meħtieġ li jittieħdu in kunsiderazzjoni wkoll il-fondi intiżi għall-persunal ta' din il-qorti.

Kif diġà ġie indikat, minħabba l-ħolqien tat-Tribunal, l-awtorità baġitarja saħħet il-lista tal-persunal ta' l-Istituzzjoni bil-ħolqien ta' 26 impjeg: 16 għall-uffiċċji u 10 għar-Reġistru.

Għandu jiġi enfasizzat li l-impjegi in kwistjoni huma għalhekk esklużivament intiżi għall-kollaboraturi diretti ta' l-Imħallfin u għall-persunal tar-Reġistru, jigiġifieri għall-persuni li jipparteċipaw direttament fl-attività ġudizzjarja. Mill-bqija, it-Tribunal il-ġdid juża d-dipartimenti differenti tal-Qorti tal-Ġustizzja (interpretazzjoni, traduzzjoni, persunal, informatika, eċċ.), liema servizzi ma ġewx imsaħħa f'din l-okkażjoni.

4.3 Spejjeż marbuta ma' l-informatika

Il-Membri u l-persunal tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kellhom jingħataw it-tagħmir adegwat meħtieġ għall-uffiċċju.

Barra minn hekk, diversi applikazzjonijiet informatiċi kellhom jiġu modifikati sabiex tittieħed in kunsiderazzjoni l-qorti l-ġdida. Dan kien il-każ, per eżempju, fir-rigward ta' *Litige* (għodda ta' ġestjoni tal-kawżi kontenzjużi mir-Reġistri), *Laic* (użata għall-allokkazzjoni ta' interpreti fid-diversi seduti), *Minidoc* (bażi ta' data li jippermettu r-riċerki ġuridiċi), *Suivi* (għodda għall-ġestjoni tat-traduzzjonijiet), eċċ. Is-sit Internet tal-Qorti tal-Ġustizzja wkoll kellu jiġi adattat sabiex jittieħed in kunsiderazzjoni t-Tribunal il-ġdid.

4.4 Spejjeż oħra

Fost l-ispejjeż diversi, għandhom jissemew dawk marbuta ma' l-akkwist ta' kotba u ma' l-abbonament f'ġurnali u perijodiċi għall-Membri tat-Tribunal kif ukoll l-ispejjeż marbuta ma' informazzjoni, li jammontaw għal madwar EUR 5 800 u EUR 17 100 rispettivament.

In-nefqa marbuta mal-kiri tal-karozzi tas-servizz tal-Membri kienet ta' EUR 103 200 u n-nefqa marbuta ma' l-akkwist ta' għamara ġdida ammontat għal ftit aktar minn EUR 79 000.

Fl-aħħar nett, wieħed jista' jindika wkoll l-ispejjeż tal-posta u ta' telekomunikazzjoni li huwa stmat li jammontaw għal EUR 40 000.

4.5 Total ta' l-ispejjeż

Kif jirriżulta mit-tabella sommarja li tinstab fl-Anness 1, it-total tal-krediti użati għall-funzjonament tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ammonta għal madwar EUR 5 966 000 fl-2006.

Din iċ-ċifra għandha titressaq lejn dik indikata fit-tabella annessa mar-Rapport imsemmi aktar 'il fuq indirizzat lill-awtorità baġitarja fit-22 ta' Ġunju 2005. L-ispejjeż li kienu previsti f'dak ir-rapport għas-sena 2006 kienu jammontaw għal EUR 6 952 000. Id-differenza bejn l-ammont previst fl-2005 u dak effettivament ikkonstatat hija prinċipalment dovuta għall-fatt li l-previżjonijiet magħmula fl-2005 kienu bbażati fuq l-eventwalità li t-Tribunal jitwaqqaf fl-2006 filwaqt li fir-realtà it-Tribunal twaqqaf fil-ħarifa ta' l-2005 u għalhekk ċerti spejjeż (per eżempju, dawk marbuta ma' l-installazzjoni tal-Membri bħalma huma l-*allowances* ta' sistemazzjoni jew l-apparat u l-għamara, jew ċerti spejjeż marbuta ma' l-informatika) setgħu jitħallsu mill-baġit ta' l-2005 u għaldaqstant mhumiex innizzla fil-baġit attwalment użat fl-2006.

Spejjeż tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2006 f' €

1000 Pagi bażiċi	1 596 368
1001 <i>Allowance</i> ta' residenza	239 455
1002 Benefiċċji tal-familja	89 268
1003 <i>Allowance</i> ta' rappreżentanza	66 481
100 Total Salarji, <i>allowances</i> u benefiċċji	1 991 572
101 Assigurazzjoni kontra r-riskji ta' inċidenti u ta' mard professjonali	68 165
104 Spejjeż ta' missjonijiet	3 888
1052 Spejjeż tal-ġarr	17 000
105 Total <i>Allowances</i> u spejjeż	17 000
1060 Korsijiet tal-lingwi	13 365
106 Korsijiet għall-Membri ta' l-Istituzzjoni	13 365
1091 Aġġustamenti eventwali tas-salarji	1 202
109 Total Aġġustamenti tas-salarji	1 202
10 Total MEMBRI	2 095 192
1100 Pagi bażiċi	1 565 000
1101 Benefiċċji tal-familja	126 000
1102 <i>Allowances</i> għat-trasferiment u għar-residenza barra l-pajjiż	251 000
110 Total Uffiċjali u aġenti temporanji	1 942 000
1130 Assigurazzjoni kontra r-riskju ta' mard	55 000
1131 Assigurazzjoni kontra r-riskju ta' inċidenti u mard professjonali	15 000
1132 Kontribuzzjoni bħala assigurazzjoni kontra l-qgħad ta' l-aġenti temporanji	9 000
113 Total Assigurazzjoni	79 000
1141 Spejjeż ta' l-ivvjaġġar annwali mill-post tax-xogħol lejn il-post ta' l-oriġini	25 000
114 Total Benefiċċji u <i>allowances</i> diversi	25 000
1181 Spejjeż ta' l-ivvjaġġar	5 000
1182 <i>Allowances</i> ta' sistemazzjoni, ta' sistemazzjoni mill-ġdid u ta' transfer	98 000
1183 Spejjeż tal-ġarr	31 000
1184 <i>Allowances</i> temporanji ta' kuljum	125 000
118 Total <i>Allowances</i> u spejjeż	259 000
1190 Koeffiċjenti korrettivi	8 000
119 Total Allokazzjoni intiża għall-aġġustamenti tar-remunerazzjonijiet	8 000
11 Total Persunal f'servizz attiv	2 313 000
1891 Interpreti esterni (<i>freelance</i>) oħra	15 440

189 Total Servizzi supplementari	15 440
18 Total Kooperazzjoni interistituzzjonali	15 440
1 Total Spejjeż relatati mal-persuni marbuta ma' l-Istituzzjoni	4 423 632
2000 Kera	775 708
200 Kera	775 708
201 Assigurazzjonijiet (Bini)	4 999
202 Ilma, gass, elettriku u tişhin	38 512
203 Tindif u manutenzjoni	133 859
204 Sistemazzjoni ta' l-uffiċċji	5 282
205 Sigurtà u sorveljanza tal-proprjeta	120 500
209 Spejjeż oħra relatati ma' proprjeta immobbli	3 257
20 Total Investiment fi proprjeta immobbli, kera ta' proprjeta	1 082 117
210 Materjal ta' l-uffiċċji	22 720
211 Xogħlijiet ta' l-informatika	137 200
21 Total Spejjeż relatati ma' l-informatika	159 920
2202 Kera ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi	6 504
220 Total Installazzjonijiet tekniċi u tagħmir ta' l-uffiċċji	6 504
2210 Għamara ġdida	79 144
221 Total Għamara	79 144
2232 Kera ta' mezzi ta' trasport	103 200
2233 Manutenzjoni, użu u tiswija	13 000
223 Total Mezzi ta' trasport	116 200
2250 Fondi għall-biblijoteka, xiri ta' kotba	3 038
2252 Abbonamenti f'ġurnali u perijodiċi	2 773
225 Total Spejjeż ta' dokumentazzjoni u ta' biblijoteka	5 811
22 Total Beni mobbli u spejjeż relatati	207 659
230 Kartolerija u oġġetti ta' l-uffiċċju	30 998
2355 Servizzi pprovdu ti minn persuni terzi	5 000
235 Total Spejjeż oħra amministrattivi	5 000

23	Total Spejjeż ta' l-amministrazzjoni attwali	35 998
240	Spejjeż postali tal-korrispondenza u ta' kunsinna	25 000
241	Telefon, telegrafija u fax	15 000
24	Total Spejjeż postali u telekomunikazzjonijiet	40 000
272	Spejjeż ta' informazzjoni u ta' parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi	17 157
27	Total spejjeż ta' pubblikazzjoni u ta' informazzjoni	17 157
2	Total Proprjetà immobbli, materjal u spejjeż ta' funzjonament	1 542 851
Ammont totali tal-Baġit		5 966 483